# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# UFFIĊJAL REVIŻUR

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Illum 20 ta' Mejju 2024**

**Avukat Ruth Scott KI 510372(M)**

**vs**

**Stephen Congalton ID 0234928(A)**
**u l-Kummissjoni Elettorali**

**Numru fuq il-Lista: 8**
**Rikors Elettorali Numru 2/24 NB**

**L-Ufficjal Reviżur,**

## I. PRELIMINARI

**Ra r-Rikors tal-Avukat Ruth Scott KI 510372(M) ippreżentat fit-22 ta' April 2024** permezz ta' liema talbet lill-Uffiċjal Reviżur jordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex taqta' mir-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024 l-isem u l-partikolaritajiet tal-intimat Stephen Congalton stante li m'għandux il-jedd li jkun hekk reġistrat;

**Ra li l-Kummissjoni Elettorali ġiet debitament notifikata u deheret quddiem l-Uffiċjal Reviżur fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024.**

**Ra li l-intimat Stephen Congalton ġie debitament notifikat b'dawn il-proċeduri permezz tal-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni skond il-Liġi iżda ma deherx fis-seduta quddiem l-Uffiċjal Reviżur u lanqas ippreżenta risposta.**

**Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju 2024 fejn wara li xehedet ir-rikorrenti** waqt l-imsemmija seduta, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni Elettorali Savio Borg iddikjara li l-imsemmija Kummissjoni ma kelliex x'iżżid;

**Sema' x-xhieda tar-rikorrenti** mogħtija waqt is-seduta tal-14 ta' Mejju 2024;

**Ra l-atti kollha tal-każ;**

**Ra li r-rikors tħalla għallum għad-deċiżjoni;**

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti **l-Avukat Ruth Scott KI 510372(M)** qeda titlob lill-Uffiċjal Reviżur jordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex taqta' mir-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024 l-isem u l-partikolaritajiet tal-intimat Stephen Congalton stante li m'għandux il-jedd li jkun hekk reġistrat.

***Ikkunsidra***

Għalkemm fir-rikors tagħha r-rikorrenti ma ndikax l-artikolu tal-liġi taħt liema qeda tibbaża t-talba tagħha jidher ċar mill-premessi u t-talbiet li l-azzjoni tagħha hija waħda msejsa sewwasew fuq l-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, li jaqra hekk:

> *"40.(1) Kull elettur reġistrat li jgħid li xi persuna oħra li isimha jidher fir-Reġistru Elettorali jew ma għandhiex jedd li tkun reġistrata bħala elettur, jew, li l-isem, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra relattivi tagħha ma humiex murija b'mod korrett fir-Reġistru Elettorali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ikollu dritt ta' appell lill-Uffiċjal Reviżur mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali jew sabiex jinqata' barra isem dak l-elettur mir-Reġistru Elettorali jew sabiex ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu jidhru b'mod korrett.*
>
> *(2) Uffiċjal Reviżur jista' jordna t-tħassir tar-reġistrazzjoni ta' dak l-elettur jew il-korrezzjoni ta' ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu skont is-subartikolu (1) minkejja li ma tkun saret ebda applikazzjoni qabel lill-Kummissjoni għal dak il-għan."*

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha **tal-15 ta' Mejju 2024 fil-proċeduri fl-ismijiet Michael Piccinino *pro et noe* vs Elizabeth Ann Abela et (Rikors numru 16/2024/1 GV):**

> *15. Tajjeb li jingħad ukoll, li d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali dwar it-tiswija tar-reġistru elettorali jgħoddu bl-istess mod għall-korrezzjoni tar-reġistru elettorali tal-Unjoni Ewropea (ara Artikolu 13(2) tal-Att dwar Elezzjonijiet Għall-Parlament Ewropew). Daqstant ieħor huwa siewi li jiġi osservat li skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-persuni li għandhom jedd li jivvotaw f'elezzjoni ta' Kunsilli Lokali huma dawk il-persuni li jkunu reġistrati bħala votanti f'dik it-taqsima tar-reġistru elettorali jew tar-reġistru elettorali tal-Unjoni Ewropea.*

Kif ingħad, fil-każ in diżamina r-rikorrenti qeda titlob lill-Uffiċjal Reviżur jordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex taqta' mir-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024 l-isem u l-partikolaritajiet tal-intimat Stephen Congalton stante li m'għandux il-jedd li jkun hekk reġistrat.

**L-Artikolu 57 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi hekk:

> *"57. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 58 ta' din il-Kostituzzjoni, persuna tkun kwalifikata biex tkun reġistrata bħala elettur għall-elezzjoni ta' membri tal-Kamra tad-Deputati jekk tkun, u ma tkunx kwalifikata biex tkun hekk reġistrata jekk ma tkunx –*
>
> *(a) ċittadin ta' Malta;*
>
> *(b) għalqet l-età ta' sittax-il sena; u*
>
> *(ċ) residenti f'Malta u matul it-tmintax-il xahar minnufih qabel ir-reġistrazzjoni tagħha hekk residenti għal perijodu kontinwu ta' sitt xhur jew għal perijodi li jammontaw fit-total globali għal sitt xhur:*
>
> *Iżda dan il-paragrafu ma japplikax għal persuna li tkun ordinarjament tirrisjedi f'Malta iżda ma tkunx tirrisjedi f'Malta kif meħtieġ b'dan il-paragrafu minħabba servizz barra minn Malta fis-servizz pubbliku, magħdud servizz fil-karigi msemmija fis-subartikolu (3) tal-artikolu 124 ta' din il-Kostituzzjoni, jew minħabba servizz barra minn Malta f'korp, jew bħala membru ta' korp, dixxiplinat kifimfisser fl-artikolu 47 ta' din il-Kostituzzjoni".*

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024 xehedet ir-rikorrenti l-Avukat Ruth Scott illi hija kienet kriet lill-intimat Stephen Congalton il-fond numru 20, Aurora, Ta' Marmora Street, St. Julians permezz ta' kuntratt tat-8 ta' Marzu 2021. Il-partijiet itterminaw l-istess ftehim amikevolment b'effett mis-7 ta' Marzu 2023 in forza ta' skrittura datata 26 ta' Marzu 2023 li ġiet esebita bħala Dok RS 1 u b'hekk l-intimat Congalton ma baqgħax jgħix fl-istess fond b'effett mis-7 ta' Marzu 2023.

L-intimat Congalton la deher u lanqas ippreżenta risposta u għalhekk il-verżjoni tal-fatti mgħotija mir-rikorrenti tinsab ippruvata.

Il-Kummissjoni Elettorali ddikjarat li abbażi tax-xhieda tar-rikorrenti ma kelliex x'iżżid.

## III. <u>KONKLUŻJONI</u>

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u peress illi f'dan il-każ irriżulta li l-intimat **Stephen Congalton ID 0234928(A)** m'għandux il-kwalifiki kollha meħtieġa previsti fl-Artikolu 57 tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex ikun reġistrat bħala votant skond il-Liġi, l-Uffiċjal Reviżur qiegħed jilqa' t-talba tar-Rikorrenti u jordna li l-Kummissjoni Elettorali **<u>sabiex taqta'</u>** isem l-intimat **Stephen Congalton ID 0234928(A)** mir-Reġistru Elettorali għall-

Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024 stante li huwa m'għandux il-kwalifiki kollha meħtieġa sabiex ikun hekk reġistrat.

**Maġistrat Dr. Noel Bartolo**
**Ufficjal Reviżur**